Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija

(Spettur Carmelo Bartolo)

vs

Raymond Abela

Illum 28 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Raymond Abela, iben il-mejjet Salvu u Giovanna nee Azzopardi, imwieled ir-Rabat nhar id-19 ta' Jannar, 1959 u detentur tal-karta tal-identita Nru 134159(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar it-12 ta' April, 1997, u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda :

a) ta' armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil ta' delitti meta kien jaf li dawn kellhom jigu hekk uzati, jew b'xi mod li jkun, ghin jew assista lil awtur jew awturi tad-delitti fl-atti li bihom id-delitti kienu gew ippreparati jew ikkunsmati, b'dan li l-awturi ta' l-istess delitti b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar mnn hames mitt lira Maltija ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-TeleMalta;

b) u aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor u cioe' tal-Korporazzjoni tat-TeleMalta ghamel xi qliegh iehor b'qerq li jiskorri il-valur ta' hames mitt lira Maltija;

c) u aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor falsifikat u cioe' telecard falza;

d) U aktar meta l-awtur jew awturi, f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe' il-Korporazzjoni tat-TeleMalta id-disinji jew mudelli ta' manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid;

e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' April, 1997 u fix-xhur ta' qabel, ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, biddel, ghamel, ipposseda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema tat-telekommunikazzjoni;

f) Kif ukoll f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghall-qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifikattura, idduplika, jew

mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

g) Aktar tali f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li b'mezzi kontra l-Ligi jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika jaghmel qliegh ghad-dannu tal-Korporazzjoni tat-Telemalta, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta tieghu;

h) U fl-ahharnett talli f'dawn il-gzejjer fl-istess pejodu ta' zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' bi hsara ta' haddieor u cioe' il-

Korporazzjon tat-TeleMalta jaghmel xi qliegh iehor b'qerq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Awissu tas-sena 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 18, 42, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 18, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 183, 184 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 298, 298(a) tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 39 tal-Kap. 250 illum 34 tal-Att XXX111 tal-1997;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi ghalkemm il-kawza thalliet ghall-provi tad-difiza fis-17 ta' Novembru tas-sena 2000 sas-seduta tal-21 ta' Marzu, 2002 id-difiza kienet ghadha ma ressqet l-ebda provi hlief illi accennat verbalment ghall-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija kontra Godfrey Grima tal-11 ta' Ottubru, 1999.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi f'April tan-1997 il-pulizija kienet arrestat lil certu Godfrey Grima illi kien fil-pussess ta' telecard falza.  Dan Godfrey Grima kien stqarr mal-pulizija illi huwa kien xtara din it-telecard allegatament falza minghand l-imputat fuq imsemmi.  Ghaldaqstant fit-12 ta' April, 1997 il-pulizija arrestat lill-imputat illi kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn kien ammetta illi huwa kien biegh it-telecard falza lil Godfrey Grima.  L-imputat fuq imsemmi kien stqarr mal-pulizija illi huwa kien xtara telecards foloz, jigifieri aktar minn telecard wahda falza minghand certu Nazzareno Scerri, illi l-imputat, dejjem skond ma xehed l-Ispettur Bartolo ghadda zewg telecards foloz lill-istess Spettur Bartolo.  Illi fit-tieni stqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija l-imputat fuq imsemmi ammetta illi huwa kien akkwista zewg telecards foloz, kull wahda bil-

prezz ta' sebghin lira (LM70) minghand Reno Scerri ghal Godrey Grima u kien akkwista wkoll minghand l-istess persuna zewg telecards foloz ukoll ghall-prezz ta' sebghin lira (LM70) il-wahda ghal certu Joseph Xuereb illi kellu hanut tal-haxix. Ftit granet wara kien avvicinah certu Joe tac-Cherry Tree Restaurant and Pizzerija Bugibba li kien talbu telecard falza u ohra ghal siehbu u l-imputat, dejjem fl-istqarrija tieghu, ammetta li kien rega' avvicina lil Reno Scerri li kien ukoll tah zewg telecards ohrajn foloz ghall-istess prezz jigifieri sebghin lira il-wahda. Sieheb Joe tac-Cheery Tree Bar ma riedx it-telecard falza u ghalhekk Joe rega' ghaddiha lura lill-imputat u din it-telecard falza fil-fatt baqghet ghand l-imputat. L-imputat fl-istqarrija tieghu qal illi t-telecard falza hu qatt ma kien uzaha, imma kien juza wahda minnhom huh Charles sabiex icempel lill-martu l-Ingilterra.

Illi xehed Joseph Xuereb u ammetta illi kien talab lill-imputat fuq imsemmi sabiex igiblu zewg telecards, telecards li ma kienux jinxtraw minghand il-Maltacom imma li kien semghahom jghidu li tuzahom kemm tuzahom ma jispiccaw qatt.

Illi xehed ukoll Nazzareno Scerri li qal illi kien jaf lill-imputat fuq imsemmi u li kien jippreparalu telecards foloz.

Nazzareno Scerri xehed illi kien ta lill-imputat fuq imsemmi, dejjem bi hlas, madwar erba' telecards foloz.

Illi tresqet il-prova necessarja mir-rapprezentant tal-Maltacom, certa Ingrid Azzopardi illi effettivament gew uzati telecards foloz illi kienu gew mibjugha mill-imputat lil diversi persuni kif diga intqal.

Illi l-Qorti hatret lil Dr Victor Buttigieg bhala espert tekniku sabiex jezamina z-zewg telecards illi ghadda l-imputat lill-pulizija. Dr Buttigieg irrelata lura u ikkonkluda li dawn iz-zewg telecards effettivament huma foloz u jistghu jintuzaw fuq in-network tal-Maltacom u jistghu jintuzaw ad infinitum, jigifieri ma jinhlew qatt.

Ikkunsidrat :

Illi d-difiza qeghda tikkontendi, dejjem a bazi biss tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Godfrey Grima" illi l-fatt illi bniedem ikun akkwista, uza jew biegh telecard falza mhuwiex bizzejjed sabiex jirrizultaw l-elementi kollha mehtiega taht l-Artikolu 309 tal-Kap 9 u dana peress li mhux bizzejjed li jkun wahedhom ir-raggir, il-gideb il-mise-en-scene, imma irid ikun hemm ukoll ir-rizultat u l-effett ta'

dawn l-artifizji fis-sens li dak li jkun qieghed jigi muri bhala veru u kredibbli, fil-fatt hekk jitwemmen mis-suggett passiv u vittma ta' dawk l-atti ta' mise-en-scene u jaqa' vittma taghhom b'telf ghalih u gwadann ghall-awtur ta' dawk l-atti kwazi teatrali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddecidiet f'dak il-kaz illi permezz ta' uzu ta' telecard falza ma hemm l-ebda mise-en-scene kif rikjest mill-Artikolu 309 tal-Kap. 9.

Illi wkoll id-difiza qeghda tikkontendi, dejjem a bazi biss tal-fuq imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi ma jistax jirrizulta r-reat kontemplat fl-Artikolu 184 tal-Kap. 9 peress illi t-telecards ma jaqghux taht d-definizzjoni ta' dokument kif imsemmi fl-Artikolu 184 u dana peress illi l-kelma dokument ma tistax tinghata tifsira aktar wiesgha u komprensiva sabiex tinkludi wkoll l-uzu ta' mezzi elettronici u mekkanici bhalma huma telecards.

Illi bir-rispett kollu dovut il-Qorti ma taqbilx la mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u lanqas mat-tezi tad-difiza. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti telecard hija dokument ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi u f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Ottubru, 1997 moghtija mill-Imhallef Vincent Degaetano fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra

Paul Galea" fejn il-Qorti kienet iddecidiet ghall-finijiet ta' dottrina in tema ta' falzita "ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba attribwibbli ghall-persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni espressjoni ta' fatti, jew dikjarazzjoni ta' volonta. S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kribtografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista issir kemm mill-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu imqarr temporanjament il-messagg, karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik ecc."

Illi dwar il-fatti ma hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza. Fil-fatt irrizulta kemm mill-provi prodotti, kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat illi l-istess imputat xjentement ghamel uzu minn telecard falza.

Illi f'dan il-kuntest ukoll jirrizulta il-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Di fatti xehdet rapprezentant tal-Korporazzjoni Maltacom illi t-telecards uzati u mibjugha mill-imputat huma foloz u mhux dawk illi tohrog il-Maltacom Corporation.

Illi dwar il-ksur tad-drittijiet tal-awtur il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet il-Pulizija kontra Anthony Triosi fejn gie deciz illi l-qerq b'min jixtri, jew b'dak li lilu jigi offrut l-oggett in kwistjoni mhuwiex rekwizit tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 298(b)(1) tal-Kodici Kriminali. Il-kwalita tar-riproduzzjoni jew limitazzjoni hija irrilevanti. Jista jaghti l-kaz li min jixtri ikun jaf ben tajjeb li l-oggett ikun kopja illecita, kif hu maghruf li kultant jew ta' spiss jigri. F'dan il-kaz ir-reat in kwistjoni jigi kommess xorta wahda. Min jikkommetti r-reat in kwistjoni jigifieri ibiegh oggett bi ksur tad-dritt tal-awtur, fl-istess hin bl-istess att jikkommetti wkoll id-delitt li xjentement jaghmel uzu, cioe' ibiegh l-oggett iffalsifikat. Fil-kaz tat-tieni delitt hawn imsemmi, cioe' l-bejgh ta' oggett iffalsifikat il-Ligi trid tipprotegi lix-xerrej u ghalhekk il-kapacita li iqarraq hija konsidrata bhala element essenzjali tad-delitt.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-akkuza ta' frodi taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 l-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-16 ta' Marzu, 1999 fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Philip Petroni". F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet referenza ghall-sentenza ohra moghtija fl-20 ta' Gunju, 1997 fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Emanuel Ellul" fejn inghad hekk :

“Fil-Ligi taghna element essensjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta’ truffa hija l-mise-en-scene, cioe dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vittma fi zball, l-ingann u li b’konsegwenza ta’ dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li igibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent”.

Il-Qorti fis-sentenza “Il-Pulizija kontra Philip Petroni” kompliet tghid hekk :
“Il-Ligi taghna ma tirrekjediex li l-messa in scena, cioe li dawn l-artifizji jew raggieri jkunu xi haga komplikata jew arkitettata b’hafna pjanijiet.  In fatti il-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggieri jistghu jiehdu.  Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta’ meta persuna bi kwalsiasi forma ta’ qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x’tifhem li ghandha flus meta ma ghandhiex.  Pero’ kif jinghad element essenzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li iggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta’ xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata.  In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq, mal-appropjazzjoni indebita bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta’ kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti taqbel illi ma kienx hemm dawn l-artifizji jew raggieri idoneji sabiex jikkonducu lill-vittma fi zball, il-qerq u ghaldaqstant filwaqt illi tillibera lill-imputat fuq imsemmi mir-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap. 9 issibu hati ta' frodi innominat u cioe' mir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap. 9".

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Awissu tas-sena 2000 il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi **hati** tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, filwaqt illi tilliberah mill-ewwel, mis-seba u mit-tmien imputazzjonijiet li ma gewx ippruvati fil-konfront tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera mal-pulizija u kien hu stess illi ta t-telecards foloz lill-pulizija minghajr ma l-pulizija kellha ghalfejn taghmel l-ebda tfittxija ghalihom u kif ukoll il-fatt illi huwa qal lill-pulizija minfejn kien akkwista dawn it-telecards foloz, kif ukoll lil min kien bieghhom sabiex b'hekk bl-informazzjoni illi ta lill-pulizija tressqu

diversi imputati l-Qorti u fil-fatt gew misjuba hatja ta' uzu, jew ta' falsifikar ta' telecards foloz.

Il-Qorti rat ukoll illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandhux xi fedina penali allarmanti u ghalhekk wara illi rat l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 filwaqt illi tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghal prigunerija ta' sentejn tordna illi din il-prigunerija tkun sospiza ghall-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara a skanz ta' kull ekwivoku illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur